MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 359/2014

fl-atti ta' l-Ittra Ufficjali Nru 1263/14 ismijiet

**John sive Johan Said ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta GA Investments Limited (C 30940)**

**vs**

**Michael Fava (ID 247978M) u Claudia Debono (ID 050581M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat minn Claudia Debono fil 5 ta' Novembru 2014 fejn, filwaqt illi ghamlet referenza ghall-Ittra Ufficjali mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, talbet lill-Qorti tiddikjara tali ittra bhala nulla u bla effett ai termini ta' l-Artikolu 166A (5) u dana ghar-ragunijiet segwenti:

L-Ittra Ufficjali ma giet ikkonfermata bil-gurament, kif inhu rikjest u tassattiv mill-Ligi fl-Artikolu 166A (2)

L-Ittra Ufficjali ma gietx innotifikata lilha personlament izda giet notifikata lill-ommha.

Il-Mandat li gie ippresentat wara illi l-Ittra Ufficjali giet reza ezekuttiva fit 8 ta' Awissu 2014 qatt ma gie lilha notifikat

Ir-rikorrenti sahqet ukoll illi l-ammont reklamat ma kienx dovut peress illi is-socjeta mittenti qatt ma baghtet kont u r-rikorrenti qatt ma kienet involuta f'negozji bejn Michael Fava u is-socjeta GA Investments Limited.

Rat illi fis 7 ta' Novembru 2014 il-Qorti tat gimgha zmien lis-socjeta GA Investments Limited sabiex taghmel ir-risposta, liema risposta baqghet ma dahhlietx.

Rat illi fl-1 ta' Dicembru 2014 il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-15 ta' Dicembru 2014.

Rat illi fil 15 ta' Dicembru 2014 ma deher hadd.

Rat illi fit-22 ta' Jannar 2015, dehret ir-rikorrenti u gharrfet lill-Qorti illi l-pretensjoni principali taghha hija illi l-Ittra Ufficjali ma kienetx ikkonfermata bil-gurament filwaqt illi stqarret illi, fil-mori tad-differiment, is-socjeta GA Investments Limtied ippresentat Ittra Ufficjali ohra ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 fuq l-istess meritu ezatt.

Rat illi fit-23 ta' Jannar 2015 giet ippresentata kopja ta' Ittra Ufficjali Nru 2514/14 intavolata a tenur ta' l-Artikolu 166A fil 15 ta' Dicembru 2014 kontra l-istess Michael Fava u Claudia Debono fejn saret talba identika ghal dik kontenuta fl-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna, izda din id-darba dina l-Ittra giet kkonfermata bil-gurament kif trid il-Ligi.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2015, il-partijiet deheru u infurmaw il-Qorti illi setghet tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi hemm.

**Ikkunsidrat**

Minn qari akkurat ta' l-Ittra Ufficjali 1263/14 ippresentata fl-atti tal-process, jirrizulta bl-aktar mod car illi tali Ittra qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament mill-persuna illi pproponiet l-azzjoni jew rappresentant taghha.

L-Artikolu 166A (2) jistipula bl-aktar mod car illi l-kontenut ta' l-ittra trid tkun ikkonfermata bil-gurament.

Jidher car illi dana ma garax u ghalhekk l-Ittra Ufficjali hija nulla izda, madanakollu, l-Ittra Ufficjali giet reza ezekuttiva fit 8 ta' Awissu 2014.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi prodotti quddiemha

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tilqa** t-talbiet rikorrenti u

**Tiddikjara** l-Ittra Ufficjali 1263/14 ippresentata fl-24 ta' Gunju 2014 u reza ezekuttiva fil-konfront ta' Claudia Debono fit 8 ta' Awissu 2014 bhala nulla u bla effett ai termini kollha tal-Ligi.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tielet talba peress illi l-atti odjerni saru unikament fl-atti ta' l-Ittra Ufficjali 1263/14.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta G. A. Investments Limited.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------